**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 01/09 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 02/04/2009 fis-06.45pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Preżenti sas-7.30pm u mid-8.45pm |
| | | Darmanin Richard | Preżenti mit-7.45pm |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti mis-7.15pm |
| | | Seychell Anthony | Assenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti mit-8.15pm |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**01. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Proponent:Pace<br>Sekondant:Hales | **Il-Minuti 18/08 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 18.2.10 | Minflok il-kelma 'Old' tidħol il-kelma 'All'. | | |
| | 18.10.4 | Minflok Triq Żubbejża tidħol 'Triq Ħubbejża'. | | |
| 01. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**01. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 1 | 18.2.2 | Fenech: Fondi | Fenech staqsiet jekk daħalx il-pagament finali mill-proġett 'Naċċettaw lil Xulxin'. Ir-risposta kienet fin-negattiv iżda daħlu il-flus ta' l-EUPA. | Fenech |
| 01. 2. 2 | 18.2.5 | Fenech: Proġett inizjattivi Sportivi | Fenech spjegat il-laqgħa li saret mad-direttorat taż-żgħażagħ u sport dwar l-applikazzjoni għal proġett ta' inizjattiva sportiva. Id-direttorat talab sabiex l-ispejjeż amministrattivi hekk kif sottomessi fil-proġett jiġu rikunsiderati iżda l-Kunsill qabel li għandu jsostni l-punt tiegħu dwar dawn l-ispejjeż. | Fenech |
| 01. 2. 3 | 18.2.6 | Fenech: Ringrazzjament - Cyber Unit | Fenech staqsiet jekk intbagħtitx l-ittra ta' ringrazzjament lis-CyberUnit. Ir-risposta kienet fin-negattiv u għalhekk kienet ser tipprovdi indirizz elettroniku. Fenech irrapurtat ukoll il-"Live In" li sar fl-aħħar weekend ta' Marzu fejn saret elezzjoni bejn iż-żgħażagħ u ġew eletti 5 motivators għal youths@local. Għal dan il-live-in attendew 'l fuq minn 30 żagħżugħ/a li l-eta' tagħhom hi ta' mhux iktar minn 16-ilsena. Dawn ingħataw ċertifikat ta' attendenza li qed ikun inkuraġġit li jiddaħħal fis-CV tagħhom. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2. | 4 | 18.2.10 | Fenech: 19 ta' Marzu 2009 | Fenech irrapurtat il-wirja tal-karozzi li saret fil-pjazza tas-suq li għaliha attendew 68 karozza u li bejniethom ġabru €100 għal Dar Nazzarett. Il-Fiera ta' l-Isport intlaqgħet tajjeb ħafna peress li kien hemm attendenza numeruża. Fil-ground sar ukoll il-logħob tar-rugby li għaliha hemm il-ħsieb li jsiru korsijiet. Fenech talbet lill-Kunsill sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lir-RedStars peress li ma ntalbux flus għal użu tal-ground nhar id-19 ta' Marzu. **Il-Kunsill qabel nem.con.** | Fenech |
| 01. | 2. | 5 | 18.2.12 | Fenech: Zejtun Corinthians u Zejtun Red Stars | Fenech spjegat li z-Zejtun Corinthians u z-Zejtun RedStars mexjin tajjeb u talbu l-għajnuna tagħha għal skopijiet loġistiċi tan-Nursery. | Fenech |
| 01. | 2. | 6 | 18.2.13 | Fenech: Twaħħil ta' litter bins | Fenech reġgħet fakkret dwar it-twaħħil ta' litter bins madwar il-lokalita' speċjalment fi Ġnien iż-Żgħożija. | Sindku |
| 01. | 2. | 7 | 18.2.16 | Viċi-Sindku: Bieb tal-Gym | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk sarux it-tiswijiet fuq il-bieb tal-gym. Is-Sindku kkonferma li dawn saru. Fenech infurmat lill-Kunsill li ser jigi żbarazzat il-gym. | Fenech |
| 01. | 2. | 8 | 18.2.18 | Viċi-Sindku:Tourist Bus | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kellniex risposta dwar l-istops tat-tourist bus fiż-Żejtun. Ġie ikkuntattjat Ċanċu Supreme Travel fejn dan qal li hu applika għal żewġ stops waħda fejn il-BOV u ohra ħdejn San Girgor ma' l-ADT. Huwa talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex issir pressjoni ma' l-awtoritajiet konċernati. Hales għarraf lill-Kunsill li qed ikun hawn diversi ilmenti mix-xufiera tal-karozzi tal-linja dwar il-palm ta' Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku u Joe Hales spjegaw li nzabru kif beda s-servizz tat-tourist bus u għalissa m'għandhomx jinżabru. | Seychell |
| 01. | 2. | 9 | 18.2.19 | Viċi-Sindku: Rapport dwar l-Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku tat rapport dwar l-attivita' li saret għall-okkażjoni ta' Jum il-Mara li kienet tajba ħafna. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Wirja ta' Artiġjanat minn MaryGrace Montebello ser tinfetaħ nhar is-17 ta' April 2009 fis-6pm. | Viċi-Sindku |
| 01. | 2. | 10 | 18.2.21 | Viċi-Sindku: Storja ta' l-Għassa | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk bdietx tinġabar l-istorja ta' l-Għassa tal-lokal sabiex issir attivita' li fiha jinfetaħ ukoll ix-xelter li jinsab fl-istess bini. Is-Sindku talab sabiex ikun avviċinat il-Kanonku Dun Joe Abela. | Seychell |
| 01. | 2. | 11 | 18.3.6 | Viċi-Sindku: Policy dwar Open Storage | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk inkitbitx xi korrispondenza dwar it-tfassil ta' policy ghal open storage. Is-Sindku qal li bħala lokazzjoni qed tkun proposta il-yard li tinsab f'nru. 1 Triq Labour, Żejtun. | Wille Piscopo |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2. | 12 | 18.3.7 | Viċi-Sindku: Rapport ta' laqgħa | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-parroċċa fejn dawn talbu li tittella' attivita' festa familja bejn is-16 u 17 ta' Mejju f'Misraħ Diċembru XIII. Fis-16 ta' Mejju ser tittella' wirja ta' karozzi antiki filwaqt li fis-17 ta' Mejju ser jittella' big screen fl-okkażjoni tal-eurovision. **Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni filwaqt li l-ħlas ser ikun ta' €2.33 għal kull metru kwadru li jintuża għat-tined ta' l-ikel.** | Viċi-Sindku Darmanin |
| 01. | 2. | 13 | 18.3.9 | Viċi-Sindku: Kampanja 'Switch' | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li qassmet il-posters tal-kampanja 'Switch filwaqt li ttellgħu ukoll poster stands fil-pjazza. | Viċi-Sindku Wille Piscopo |
| 01. | 2. | 14 | 18.6.1 | Viċi-Sindku: Ġieh iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku semmiet is-serata li fiha ġiet premjata s-Sinjura Doris Brincat għal Ġieh iż-Żejtun 2009. Irrimarkat dwar referenza fid-diskors ta' l-okkazjoni dwar l-għotjiet ta' ġieh li sar minn Marija Abela li xejn ma kienet taqbel ma' l-okkażjoni. | Seychell |
| 01. | 2. | 15 | 18.9.1 | Camilleri: Wirja dwar l-iskola | Camilleri informa lill-Kunsill li l-wirja dwar l-istorja hekk kif spjegat fil-mozzjoni mressqa fil-laqgħa li għaddiet, ser issir bejn il-15 u d-19 ta' Mejju, 2009. | Camilleri |
| 01. | 2. | 16 | 18.10.1 | Viċi-Sindku: Olive Oil Museum | Il-Viċi-Sindku staqsiet fhiex waslet l-applikazzjoni għal Olive Oil Museum. Is-Sindku spjega li din qegħda għar-rikunsiderazzjoni tal-MEPA filwaqt li Pace qal li s'issa ma kellu l-ebda risposta mingħand l-Onor Chris Said. | Sindku |
| 01. | 2. | 17 | 18.10.9 | Viċi-Sindku: Business Cards | Il-Viċi-Sindku staqsiet fhiex waslu l-business cards. Is-Segretarjat wieġeb li dawn qegħdin fil-proċess li jsiru. | Segretarjat |
| 01. | 2. | 18 | 18.10.5 | Camilleri: Traffic Management | Camilleri staqsa jekk intbagħtitx is-site plan għal traffic island fi Triq Felicia Abela k/m Triq Bugħarbiel. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. Camilleri staqsa wkoll fhiex wasal il-proċess għall-approvazzjoni ta' traffic island fi Triq Hal Tarxien u zebra crossing fi Triq Falkunier. **Il-Kunsill qabel li għandu jintbagħat reminder.** | Darmanin |

**01. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/09. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 3. | 1 | 03 | MEPA: PA6465/07 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dawn is-siti jinsabu fil-*village core* u għalhekk għandu jinżamm it-*texture* u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 01. | 3. | 2 | 04 | MEPA: Ipparkjar ta' trakk tal-gass fi Triq Ħerba | Inqrat l-ittra li grupp ta' residenti minn Triq Ħerba kitba lill-MEPA dwar trakk ta' gas li jipparkja fl-istess triq għal tul ta' ħin. Darmanin qal li l-Pulizija tal-lokal diġa' taf bil-każ u l-problema ġiet solvuta. Is-Sindku talab lil Darmanin jinvestiga dan il-każ. | Darmanin |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 3. | 3 | 07 | ETC: Skema ta' Xogħol fil-Komunita' | **Il-Kunsill qabel nem.con li jissieħeb fl-iskema ta' l-ETC għal xogħol fil-komunita' għal 3 impjegati, 2 manwali u 1 klerikali liema paga titħallas mill-ETC u tikkonsisti f'75% tal-minimum wage għal tletin siegħa xogħol fil-ġimgħa.** | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 01. | 3. | 4 | 08 | Skola San Ġużepp: Prize Day | **Il-Kunsill qabel li jinxtara ktieb għall-premju fl-okkażjoni tal-prize day li ser issir fit-23 ta' April fil-Kullegg St Thomas** | Camilleri |
| 01. | 3. | 5 | 10 | Għaqda Mużikali Beland: Awgurju tal-Festa | **Il-Kunsill qabel li jibbukja avviż nofs paġna black & white fil-pubblikazzjonijiet li joħorġu fil-lokalita' bl-awguri tal-festa.** Il-Viċi-Sindku rrimarkat dwar sitwazzjoni fejn hi attendiet attivita ta' l-Għaqda Mużikali Beland bħala Sindku peress li s-Sindku kien imsiefer u sfat bil-qegħda fuq wara. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra sabiex f'attivitajiet simili din is-sitwazzjoni ma tkunx ripetuta u bħala etika s-Sindku/rappreżentant għandu jkollu post riservat quddiem. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **01.** | **4.** | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 4. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 01/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 2 i | | | **Il-Kunsill approva wkoll kont li daħal tard ta' Jugs@malta għas-servizz ta' inflatable gladiator u 5 assistenti fl-okkażjoni tal-fiera ta' l-isports. L-ammont kien ta' €225.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 3 | | Talbiet għal Xiri 01/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. PO01 u PO02 ġew kanċellati.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 4 | | Petty Cash Marzu 2009 | **Il-Kunsill approva l-petty cash li ntefaq f'Marzu 2009 li jammonta għal Eur188.69 hekk kif preżentat. Ġie innutat li mingħand Cassar Service Station inxtara petrol għal generator u mhux bolol.** | Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **01.** | **5.** | | | **Applikazzjoni Lokalitajiet Sostenibbli** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 5. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill informazzjoni dwar konferenza li ser tkun organizzata mill-MEUSAC li għaliha mistednin membri tal-Kunsill kif ukoll il-kunsilli li magħhom il-Kunsill huwa ġemellat. Qed issir ħidma sabiex kemm membri ta' Tocina kif ukoll ta' Celano jattendu għall-konferenza li ser isir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2009. Min-naħa tal-Kunsill ikkonfermaw l-attendenza tagħhom is-Sindku, Viċi-Sindku, Fenech, Pace u s-Segretarju Eżekuttiv. | |
| 01. 5. 2 | | | Is-Sindku spjega dwar applikazzjoni li ġiet sottomessa rigward Żejt iż-Żejtun li kien hemm problema peress li l-iskema kienet tkopri attivitajiet kulturali minn Ottubru 2009 'l quddiem. Dan minħabba li din is-sena Żejt iż-Żejtun ser issir fl-aħħar ta' Settembru biex ma taħbatx ma' attivitajiet oħra fil-Birgu, l-Belt u Ħal Qormi. Madanakollu wara li l-Kunsill ta spjegazzjoni l-għaliex intagħżlet din id-data, l-applikazzjoni qed tkun rikunsiderata. | |
| 01. 5. 3 | | | Is-Sindku informa l-Kunsill li ġiet sottomessa applikazzjoni għall-fondi dwar lokalitajiet sostenibbli. Fuq dan il-proġett qed issir ħidma ma' Ms Samantha Fabry. | |

**01. 6. Rapport fuq Triq Ħaż Żabbar**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 6. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku irraporta li Triq Żabbar tlestiet mir-resurfacing u twaħħlu tabelli ta' 50 u 60 km/hr. Għad fadal xi xogħol fuq il-bankini xi jsir. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni ta' l-ADT dwar linji mhux kontinwi li inżebgħu fil-liwjiet ta' din it-triq. | Sindku Darmanin |
| 01. 6. 2 | | Pace: Triq Wied iz-Ziju | Pace ġibed l-attenzjoni li anke Triq Wied iz-Ziju tlestiet mir-resurfacing. Fiż-żewġ toroq sar xogħol tajjeb ta' resurfacing. | |

**01. 7. Rapport fuq Triq President Anton Buttiġieġ**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 7. 1 | | Sindku: Laqgħa | Is-Sindku qal li ser issir laqgħa mal-Perit David Vassallo ta' l-ADT għada l-Ġimgħa 03 ta' April, 2009 dwar Triq President Anton Buttiġieġ. | Sindku |

**01. 8. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 8. 1 | | Għal din il-laqgħa ma ġew preżentati mozzjonijiet. | | |

**01. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 9. | 1 | Sindku: Tabelli | Is-Sindku inkariga lil Hales sabiex jitwaħħlu t-tabelli fiż-żona ta' Ġebel San Martin filwaqt li jinqala isem tat-triq imkisser minn Triq Connaught. Hales qal li dan ix-xogħol hu ppjanat li jsir il-gimgħa d-dieħla. | Hales |
| 01. | 9. | 2 | Sindku: Ismijiet tas-siġar | Is-Sindku talab sabiex ikunu ipprovduti l-ismijiet tas-siġar ta' Ġnien tal-Kmandant ħalli dawn jitwaħħlu rispettivament. | Hales |
| 01. | 9. | 3 | Hales: Ringrazzjament | Hales ippropona li l-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil Ms Ciappara għas-servizz li tat fost iż-Żwieten. **Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | Segretarjat |
| 01. | 9. | 4 | Hales: WI-FI fil-ġonna | Hales talab sabiex issir sistema ta' WIFI fi Ġnien San San Girgor u Ġnien tal-Kmandant. **Il-Kunsill qabel u għandha tinkiseb informazzjoni mill-Malta Communications Authority.** | |
| 01. | 9. | 5 | Sindku: Triq Tal Barrani | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li skond direttiva li għadha kemm ħarġet mill-Ministeru Trasport u Komunikazzjoni, sewwieq biex jaqla' ċitazzjoni għal overspeeding irid ikun qed isuq b'10% + 1km ta' kemm ikun indikat fuq it-tabella. Dan ifisser li bħalissa sewwieq li jgħaddi minn Triq Tal Barrani irid ikun qabeż 67km/hr biex jeħel ċitazzjoni li hi viċin is-70 km/hr li talab il-Kunsill. | Sindku<br>Darmanin |
| 01. | 9. | 6 | Darmanin: Tower Crane fi Triq Luqa Briffa | Darmanin informa lill-Kunsill li t-tower crane ta' Triq Luqa Briffa tneħħa fid-29 ta' Marzu u għalhekk fadal isir ħlas ta' xahar. Diġa' inkitbet ittra lill-kuntrattur inkwistjoni sabiex dan il-ħlas ikun affettwat b'mod immedjat. | Darmanin |
| 01. | 9. | 7 | Darmanin: Bankina fi Triq Tamburin | Darmanin ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bankina perikoluża fi Triq Tamburin. | Sindku |
| 01. | 9. | 8 | Darmanin: Żebgħa tat-triq | Darmanin informa lill-Kunsill bix-xogħol li qed jagħmlu n-nies tal-koptasin peress li x-xogħol mhux qed isir kif suppost. **Il-Kunsill qabel li dawn in-nies għandhom ikun avviċinati qabel jitkompla x-xogħol.** | Darmanin |
| 01. | 9. | 9 | Wille Piscopo: Triq Qalb ta' Ġesu' | Wille Piscopo infurmat lill-Kunsill li l-kaxxa safra li kellha issir fi Triq Qalb ta' Ġesu' saret ħażin u għaldaqstant talbet sabiex din tkun irranġata. **It-talba ġiet milqugħa.** | Darmanin |
| 01. | 9. | 10 | Wille Piscopo: Bankina fi Triq Santu Wistin | Wille Piscopo irringrazzjat lis-Sindku għax-xogħol li sar fuq il-bankina ta' Triq Santu Wistin. | Sindku |
| 01. | 9. | 11 | Wille Piscopo: Triq Xandru Farrugia k/m Triq il-Labour | Wille Piscopo ressqet ilment ta' Lorry Farrugia li joqgħod Triq Labour k/m Triq Xandru Farrugia sabiex issir bollard fl-istess indikazzjoni peress li kemm -il darba minħabba inċidenti tat-traffiku qed iġarrab ħsarat fuq il-propjeta' tiegħu. Dan ir-resident qed jitlob ukoll li jkun irranġat il-qlib ta' l-ilma peress li quddiemu joqgħod ħafna trab. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 9. | 12 | Wille Piscopo: Ġebel San Martin | Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tfal li jilgħabu l-ballun f'Ġebel San Martin li qed joħorġu fit-triq għall-ballun u kif ukoll kissru żewġ twieqi ta' karozzi bil-ballun. Dan l-ilment għandu jitressaq lill-Pulizija. | |
| 01. | 9. | 13 | Wille Piscopo: Rapport Family Fun Park | Wille Piscopo tat l-opinjoni tagħha lill-Kunsill dwar ir-rapport li hi qrat dwar il-family fun park f'Sant'Antnin. Il-Kunsill talab sabiex jitħejja rapport bil-miktub. | Wille Piscopo |
| 01. | 9. | 14 | Hales: Pots fil-Pjazza | Hales reġa' ġibed l-attenzjoni tal-kunsill sabiex isiru pots fil-pjazza prinċipali. | Sindku Hales |
| 01. | 9. | 15 | Fenech: Cook Out u Horse riding | **Il-Kunsill qabel li s-sotto kumitat żgħażagħ u sport nhar id-19 ta' April issir cook out f'Tas-Salib, ir-Rabat filwaqt li f'Mejju tkun organizzata attivita ta' horse riding.** | Fenech |
| 01. | 9. | 16 | Fenech: Triq President A. Buttiġieġ | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar parking bay f'nofs drive-in ta' residenza 'Solana' fi Triq President A. Buttiġieg. **Il-Kunsill qabel li din għandha tkun irranġata.** | Darmanin |
| 01. | 9. | 17 | Fenech: Bankina fi Triq Santa Monika | Fenech talbet lill-Kunsill sabiex tiġi rranġata bankina fi Triq Santa Monika. Il-Kunsill laqa' din it-talba. | Sindku |
| 01. | 9. | 18 | Fenech: Newwes Garage | Fenech staqsiet fhiex walset l-applikazzjoni għal double yellow line fi Triq l-Arċipriet Degabriele minħabba l-limousine li nxtrat minn Newwes Garage. Is-Sindku spjega li saret l-applikazzjoni neċessarja quddiem l-ADT. | Darmanin |
| 01. | 9. | 19 | Pace: Patching | Pace talab sabiex isir il-patching ta' Triq John Borg k/m Triq Xandru Farrugia. Din ser titniżżel mal-lista tal-patching. | Sindku |
| 01. | 9. | 20 | Pace: White Paper | Pace ta informazzjoni dwar il-white paper li ħarġet bit-titlu: Ġustizzja Riparatriċi. Ser jiddaħħal servizz fil-komunita' minn priġunieri. Is-Viċi-Sindku spjegat kif bħalissa l-Kunsill diġa' qiegħed fi skema simili u ġew identifikati problemi li ltaqgħet magħhom. Pace qal li dawn il-problemi għandhom ikunu mressqa lill-Ministeru. | Pace |
| 01. | 9. | 21 | Camilleri: TCTC | Camilleri ta informazzjoni dwar laqgħa li saret dwar il-korsijiet tal-kompjuter li ser isiru fis-sajf. Kien hemm proposta sabiex dawn ikunu estiżi anke fix-xitwa. Camilleri spjega kif din il-proposta diġa' qed tkun ikkunsidrata. Il-Kunsill qabel li għandha tkun adottata l-istess sistema tas-sena l-oħra peress li ma kienx hemm ilmenti. Il-Viċi-Sindku ipproponiet li jsir leaflet bl-attivitajiet tal-Kunsill bħalma sar fis-snin preċedenti sabiex jitqassam bieb bieb minn 3D Door to Door Distributors. **Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta** u għaldaqstant il-kunsilliera responsabbli minn sotto kumitati ġew imħeġġa jgħaddu lis-Segretarjat l-informazzjoni neċessarja. | Viċi-Sindku Camilleri Fenech Seychell |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 9. | 22 | Camilleri: Fanali maqtugħin | Camilleri talab sabiex ikunu rranġati l-fanali ta' Triq Mater Boni Consigli. Din it-talba ġiet milqugħa. Is-Sindku spjega li f'din it-triq kif ukoll Triq San Girgor ser tingħata attenzjoni qabel il-Festi ta' l-Għid. | Sindku |
| 01. | 9. | 23 | Viċi-Sindku: Maltapost | Il-Kunsill iddiskuta d-dewmien fil-posta li qed jaffettwa l-operazzjoni tal-Kunsill. **Il-Kunsill qabel li jibgħat ittra f'dan ir-rigward lill-Malta Communications Authority u kif ukoll jibgħat stqarrija lill-istampa.** | |
| 01. | 9. | 24 | Viċi-Sindku: Apprezzament | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tintbagħat ittra ta' awgurju lil tliet żgħażagħ li għamlu unur lil Malta: 2 jockies, 1 billard/snooker. Il-Kunsill laqa' din it-talba u għaldaqstant il-Viċi-Sindku ser tipprovdi d-dettalji ta' dawn iż-żgħażagħ. | Segretarjat |
| 01. | 9. | 25 | Viċi-Sindku: Awguri | **Il-Kunsill qabel mal-Viċi-Sindku sabiex jibgħat l-awguri lill-President il-ġdid ta' Malta Dr George Abela u li jkun mistieden għall-ftuħ uffiċċjali ta' Ġnien iż-Żgħożija f'Ġebel San Martin.** | Segretarjat |
| 01. | 9. | 26 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | **Il-Kunsill qabel nem.con li s-sotto kumitat tal-familja jorganizza l-attivitajiet li ġejjin: Seba' Visti f'Ħamis ix-Xirka, Ħarġa għat-Tfal fil-vaganzi ta' l-Ghid, Coffee Morning u weekend break fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.** | Viċi-Sindku |
| 01. | 9. | 27 | Viċi-Sindku: Trakk mitluq fi Triq il-Labour | Il-Viċi-Sindku talbet lill-Kunsill sabiex jitneħħa trakk mitluq fi Triq il-Labour u li ilu hemm għal bosta xhur. Dan it-trakk kien diġa' tneħħa minn Triq President Anton Buttiġieġ. **Il-Kunsill qabel li dan għandu jitneħħa.** | Darmanin |
| 01. | 9. | 28 | Sindku: Allokazzjoni Finanzjarja | Is-Sindku informa lill-Kunsill li waslet l-allokazzjoni għas-sena finanzjarja April 09 - Marzu 10. Ingħatat żieda ta' €72,000 li l-parti l-kbira ser imorru għall-kuntratt ta' l-iskart u rinumerazzjoni tal-kunsilliera. Għal darb'oħra s-sotto kumitat ma ingħatawx allokazzjoni. Sabiex il-Kunsill jikseb fondi ulterjuri, il-Kunsill irid japplika għall-skemi li joħorġu minn żmien għal żmien b'temi varjati mill-Unjoni Ewropea. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 16 ta' April, 2009 wara l-laqgħa pubblika fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali Zejtun.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv